

Ir-razzjonal – benefiċċji għan-negozju

“Il-Każ tan-Negozju għad-Diversità” jargumenta li politika favur id-diversità tagħmel sens kummerċjali. Il-ġestjoni tad-diversità hija parti dejjem akbar tar-risposta strateġika għal soċjetà, konsumaturi, strutturi tas-suq u ħaddiema aktar diversifikati.

Il-Kummissjoni Ewropea għenet biex il-ġestjoni tad-diversità tkun punt aktar importanti fuq l-aġenda u l-attivitajiet kummerċjali strateġiċi tal-kumpaniji madwar l-UE permezz ta' numru ta' attivitajiet matul l-aħħar snin.

2009 – Enfasi fuq l-SMEs

Fl-Ewropa hemm madwar 23 miljun SME, li jirrappreżentaw 75 miljun impjeg. Għalhekk huwa importanti ħafna li l-SMEs ikunu infurmati fuq il-vantaġġi tad-diversità, li jitqajjem l-għarfien fosthom u li jingħataw tweġibiet fuq mistoqsijiet li jkollhom dwar dan is-suġġett. Dalwaqt il-Kummissjoni Ewropea se tipubblika gwida għall-SMEs bl-isem ta' “Diversità fuq ix-xogħol”.

[Studju tal-2008 dwar “Il-kontinwazzjoni tal-vjaġġ tad-diversità – prattiċi, perspettivi u benefiċċji għan-negozju”](#)

L-istudju:

- Jaġġorna l-istampa dwar il-prattika u l-perspettivi marbuta mal-ġestjoni tad-diversità tal-kumpaniji madwar l-Ewropa;
- Jipprovdi spjega aktar fid-dettall tal-vantaġġi li d-diversità tista' tipprovdi għall-SMEs - u l-ostakli li dawn jaffrontaw;
- Jeżamina r-rabta bejn id-diversità, l-innovazzjoni u l-produttività;
- Jeżamina r-rwol tad-diversità fl-iskejjel kummerċjali u fl-università;
- Jitfa' d-dawl fuq l-inizjattivi volontarji fis-settur kummerċjali u b' mod partikolari l-Karti dwar id-Diversità fi Franza, il-Ġermanja u r-Reġjun ta' Brussell.

[2007 – Enfasi fuq it-taħriġ dwar il-ġestjoni tad-diversità f'kumpaniji ta' kull daqs](#)

Bejn il-Ħarifa tal-2007 u r-Rebbiegħa tal-2008, il-Kummissjoni Ewropea organizzat total ta' 28 seminar madwar l-Ewropa biex tgħin lill-kumpaniji jsiru aktar familjari ma' kwistjonijiet marbuta mad-diversità. Is-seminars saru għal aktar minn elf kumpanija u organizzazzjonijiet ta' min iħaddem f'kull pajjiż membru u anke fit-Turkija. Għal dawn is-seminars ta' taħriġ, tħejja manwal ta' taħriġ fil-lingwi kollha.

[Studju tal-2005 dwar “Il-Każ tan-Negozju għad-Diversità: Prattiċi Tajba fuq il-post tax-xogħol”](#)

L-istudju wera biċ-ċar li l-kumpaniji qed jagħmlu progress regolari lejn l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' diversità u ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol. Il-kumpaniji mistħarrġa qalu li kienu qed jagħmlu dan għal benefiċċji kummerċjali ċari li kien hemm, u mhux biss għal raġunijiet etiċi u legali.

Fost it-800 kumpanija li ħadet sehem fl-istħarriġ għal dan l-istudju, madwar 400 irrappurtaw li diġà kellhom politika dwar id-diversità. 83% minn dawn qalu li l-inizjattivi favur id-diversità kellhom riperkussjonijiet pożittivi għar-riżultati tal-kumpanija.